**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 12 ta' Gunju 2001.

Pulizija
Spettur David Saliba

Vs

Joseph Zammit

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Zammit ta' 22 sena bin Anthony u Maria Dolores xebba Bugeja, imwieled Sliema fl-10 ta' Settembru 1978 u joqghod Dar il-Hena, Triq it-Tajjar, Msida, bin-numru tal-karta tal-identita' 431378 M;

Talli f'San Gwann nhar is-6 ta' April 2001, ghall-habta tal-4.30pm, ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Jenson li jiswa aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) minn gewwa karozza tal-ghamla Fiat Rittmo IAJ 712, ghad-dannu ta' Louis Gauci Borda, liema serq huwa aggravat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin u lok ikkaguna hsara volontarja fl-imsemija karozza liema hsara tiskorri l-ghaxar liri maltin (Lm10) izda anqas minn hamsin lira maltin (Lm50) fl-imsemmija vettura.

U fl-ahhar talli huwa ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra, kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta'sentenzi artikolu 5 Kap 152/57 imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Wara li rat l-artikoli 261 b,g, l-artikoli 41, 263, 271, 278;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Joseph Zammit, hati ta' kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-istess Joseph Zammit sabiex ihallas id-danni u cioe' mitejn lira maltin (Lm200) bi zmien sena ghall-hlas, kif ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 ghall-zmien tlett (3) snin mil-lum, qeghda tahtar lill-Probation Officer M'Anne Zammit sabiex tissorvelja lill-imsemmi Joseph Zammit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.